Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 44/2004/1

**Fl-Atti tar-Riferenza tal-24 ta' Novembru, 2004, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr. Lawrence Quintano B.A. Hons., M.A., LL.D.) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:**

**IL-PULIZIJA (Spettur Norbert N. Ċiappara)**

**vs**

**Anthony SEYCHELL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja fl-24 ta' Novembru, 2004[1] (sedenti l-Maġistrat Dottor Lawrence Quintano LL.D.) li permezz tagħha u fuq talba magħmula b'verbal waqt is-smigħ ta'

[1] Paġ. 98 tal-atti tal-Kumpilazzjoni

dak inhar mill-avukat difensur tal-imputat, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-ilment imqanqal mill-imsemmi imputat, u dan fis-sens li s-sekwestru tal-ġid kollu tiegħu – magħduda miegħu l-flejjes depożitati f'kont bankarju f'isem l-imputat – bis-saħħa ta' degriet ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 2004[2], għall-finijiet u effetti kollha tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jikser id-dritt fondamentali tiegħu għat-tgawdija ta' u aċċess għall-proprjeta' tiegħu;

Rat id-Degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2004, li bih appuntat is-smigħ tar-Riferenza għall-14 ta' Diċembru, 2004, u tat żmien mid-data tan-notifika lil min għandu interess biex iressaq Tweġiba;

Rat ir-Risposta mressqa fl-14 ta' Diċembru, 2004, li biha l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali issottomettew;

Illi l-ordni ta' referenza magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati huwa karenti billi ma fih l-ebda indikazzjoni dwar jekk dik l-Onorabbli Qorti qiesitx jekk il-punt imqanqal mid-difiża huwiex frivolu jew vessarjoru u tali konsiderazzjoni hija meħtieġa sabiex l-istess ordni ta' referenza tkun tista' ssir u tkun valida.

Illi l-punt imqanqal mid-difiża dwar l-allegat ksur ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol għall-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u huwa fil-fatt ukoll punt frivolu u vessatorju billi huwa paċifiku u jirriżulta mill-imsemmija artikoli stess illi:

1. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jagħmilx għall-każ stante illi l-ordni illi bih l-assi ta' persuna akkużata bi traffikar (li jinkludi l-koltivazzjoni) ta' droga jiġu sekwestrati fit-termini ta' l-Artikolu 22A tal-Kap 101 ma jinvolvi ebda 'tehid' tal-proprjeta' kontemplat fl-imsemmi Artikolu 37.

[2] Paġ. 55 tal-atti tal-Kumpilazzjoni

2. In kwantu għall-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol huwa paċifiku illi ordnijiet bħal dak in kwistjoni jinvolvu biss il-kontroll ta' użu ta' proprjeta' fl-interess ġenerali illi huwa espressament permess fl-imsemmi Artikolu.

In oltre, l-imsemmi Artikolu 22A tal-Kap 101 diġa jipprovdi għall-possibilita' illi l-flus sekwestrati jiġu użati għall-bżonnijiet tal-għejxien tal-akkużat u għalhekk din ir-referenza hija għal-kollox superfluwa u karenti minn bażi fattwali jew legali.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat il-verbal tas-smigħ tal-14 ta' Diċembru, 2004[3], u b'mod partikolari dik il-parti fejn id-difensur tal-imputat fissret u indikat dwar liema artikoli tal-liġi l-imputat kien qiegħed isejjes l-ilment kostituzzjonali tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni fit-tul u bil-fomm magħmula mill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha, magħduda l-atti tal-proċeduri fil-konfront tal-imputat;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2005, li bih ħalliet ir-Riferenza għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-imputat qiegħed jilmenta li l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 22A (għalkemm jidher li fil-verbal magħmul mill-għaref difensur tal-imputat, bi żball, issemma l-artikolu 22Ċ) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jiksru l-jeddijiet tiegħu ta' ħarsien minn ċaħda ta' ġidu mingħajr kumpens kif imħarsin mill-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali;

[3] Paġ. 23 tar-Riferenza

Illi, fil-qosor, il-fatti ewlenin li jirriżultaw mill-atti juru li fis-26 ta' Ġunju, 2004, l-imputat Seychell tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli b'offiżi kontra l-artikoli 8(ċ) u (d) tal-Kap 101 u 115 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan seħħ wara li lejliet il-Pulizija kienet għamlet tfittxija ġo post fiż-Żejtun fejn sabet għadd ta' pjanti maħsuba li kienu pjanti tal-*cannabis sativa*. L-imputat huwa uffiċjal pubbliku u, dak inhar li tressaq quddiem il-Qorti, wieġeb li ma kienx ħati tal-akkużi miġjubin kontrih[4]. Billi, meta l-imputat tressaq b'arrest, il-Prosekuzzjoni kienet talbet is-sekwestru ta' ġidu, il-Qorti tal-Maġistrati, b'degriet tas-26 ta' Ġunju, 2004[5], laqgħet dik it-talba "salv illi tali ordni għandha tibqa' treġġi sakemm jibqgħu mixjin dawn il-proċeduri, sakemm il-Qorti ma tagħtix ordni oħra, u għandhom ikunu japplikaw biss għal dawk il-proprjeta' mobbli jew immobbli tal-imputat li jkunu b'xi mod jew ieħor derevanti mir-reati li bih (*sic*) qiegħed akkużat". B'degriet ieħor ta' dak inhar, l-imputat ingħata l-ħelsien proviżorju mill-arrest bil-kundizzjonijiet hemm imfissra[6];

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni kostituzzjonali skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[7], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[8];

Illi l-ewwel "eċċezzjoni" tal-prosekuzzjoni dwar ir-riferenza hija fis-sens li tali riferenza hija "mankanti", u dan għaliex il-Qorti riferenti, fid-degriet tagħha, ma semmiet xejn dwar

---

[4] Paġ. 10 tal-atti tal-kumpilazzjoni
[5] Paġġ, 55-6 tal-atti tal-kumpilazzjoni
[6] Paġ. 17 tal-atti tal-kumpilazzjoni
[7] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243
[8] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.

jekk it-tqanqil tal-kwestjoni min-naħa tal-imputat kinitx waħda frivola u vessatorja. Huwa minnu li d-degriet tar-riferenza huwa għal kollox sajjem minn kull konsiderazzjoni jew deliberazzjoni. Kemm hu hekk, kulma għamlet il-Qorti tal-Maġistrati Istruttorja kien li, fl-istess verbal tas-smigħ fejn tqanqlet il-kwestjoni kostituzzjonali, laqgħet it-talba għar-riferenza;

Illi huwa minnu riferenza kostituzzjonali ta' Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b'mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[9]. Dan huwa mixtieq biex il-Qorti kostituzzjonali riferuta jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwestjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-Qorti riferenti. Imma l-liġi ma tgħidx li r-riferenza ma tkunx tgħodd jekk kemm-il darba d-degriet jew ordni tar-riferenza ma jkunx motivat jew ma jkunx f'forma partikolari. Lanqas ma tgħid li l-Qorti riferenti trid tiddikjara li l-kwestjoni mqanqla m'hijiex frivola jew vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha[10], imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja. Hekk qegħda tqis din il-Qorti li kien il-każ meta l-Qorti tal-Maġistrati Istruttorja għamlitilha r-riferenza preżenti;

Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk[11]. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx il-kwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq;

---

[9] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)
[10] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[11] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**)

Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata. Dan qiegħed jingħad għaliex, fil-verbal quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Istruttorja, il-Prosekuzzjoni kienet opponiet għat-talba tal-imputat għal riferenza fuq il-bażi li huwa kellu rimedji oħrajn ordinarji li seta' jieħu qabel iqanqal il-kwestjoni kostituzzjonali;

Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jrid li l-ebda proprjeta' ta' kull xorta ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u lanqas jista' jiġi miksub b'mod obbligatorju xi interess fi jew dritt fuq proprjeta'. Teħid obbligatorju ta' proprjeta' jew ta' interessi fiha jista' jsir biss fejn hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli li tagħti kumpens xieraq għal tali teħid, li tagħti jedd ta' aċċess lil tribunal indipendenti u imparzjali li jiddetermina l-jedd fuq il-proprjeta' hekk meħuda u l-kumpens xieraq, u li tiżgura jedd ta' appell lill-Qorti tal-Appell. L-artikolu 37 ma japplikax f'għadd ta' ċirkostanzi oħra msemmija fis-subartikolu (2) tiegħu, fosthom meta t-teħid obbligatorju jkun sar fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati[12];

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li kull persuna għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd m'għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bħal ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali. Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali, jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni;

[12] Art. 37(2)(ħ)

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija żewġ dispożizzjonijiet bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa aktar riġidu u preċiż fl-applikazzjoni tiegħu mill-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u wkoll li jagħti ħarsien aqwa lil persuna dwar it-tgawdija ta' ħwejjiġha milli jagħti l-artikolu konvenzjonali. Ingħad ukoll li l-artikolu 37 iħares lill-individwu mit-**teħid ta' pussess** obbligatorju ta' ġidu, u mhux ukoll għat-**tgawdija ħielsa** tieghu, bħalma jagħmel l-artikolu konvenzjonali. B'dan il-mod jista' jingħad li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jinkiser biss jekk isseħħ ċaħda totali tal-proprjeta' jew ta' xi jedd fuqha mingħajr kumpens xieraq: ma jidħolx fejn ikun hemm xi tnaqqis ta' tgawdija tal-ġid ta' dak li jkun, imqar jekk tali tnaqqis ikun jikkonsisti f'limitazzjoni fl-użu ta' dak il-ġid[13];

Illi l-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

Illi l-għaref avukat tal-imputat issottomettiet li bis-saħħa tal-ordni ta' sekwestru magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati, kull ġid tal-imputat inqabad u nżamm u huwa ma jistax jagħmel użu minnu. B'mod partikolari, żiedet tgħid li saħansitra s-salarju tiegħu qiegħed jinżamm għaliex dan jitħallas direttament lilu f'kont bankarju li wkoll intlaqat mill-imsemmi ordni;

Illi, min-naħa l-oħra, kif sewwa issottometta l-għaref avukat tal-Prosekuzzjoni, l-ordni ta' sekwestru li jsir minn Qorti taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A ma jagħtix setgħa tal-konfiska tal-ġid tal-persuna milquta b'ordni bħal dak, imma jipprovdi biss għal żamma temporanja ta' ġid hekk milqut mid-disponibilita' ta' dik il-persuna. Fi kliem ieħor, ordni ta' sekwestru taħt l-artikolu 22A ma jgħaddix il-proprjeta' tal-ġid milqut bih mis-sid lill-Gvern. Dan jiġri biss skond l-artikolu 22(3A), imma f'każ li jkun hemm deċiżjoni finali ta' sejbien ta' ħtija tal-imputat. Ma jidhirx li tista' tingħata tifsira oħra għal din il-konklużjoni, billi l-artikolu 22A(1)(b) jgħid ukoll li fl-ordni ta' sekwestru l-persuna akkużata tiġi ipprojbita milli tittrasferixxi jew

[13] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff vs Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**)

b'mod ieħor teħles minn ġidha sakemm l-ordni jibqa' fis-seħħ. Li kieku l-ordni kellu l-effett ta' teħid tal-proprjeta' ma kienx ikun hemm għalfejn ikollu l-imsemmija projbizzjoni, billi ħadd ma jista' jew għandu għalfejn jiġi miżmum milli jeħles minn ġid li ma jkunx tiegħu aktar;

Illi, minbarra dan, l-ordni għandu ħajja limitata, li ma kienx ikun il-każ kieku l-effetti tiegħu kienu jikkonsistu f'teħid ta' proprjeta' konsistenti fi trasferiment tagħha. Kemm hu hekk, ordni taħt l-artikolu 22A jibqa' jseħħ biss għal żmien limitat u sakemm ikunu għadhom mexjin il-proċeduri li dwarhom persuna tkun mixlija[14];

Illi, għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jikser b'xi mod l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

Illi dwar jekk l-artikolu 22A jiksirx id-dispożizzjonijiet konvenzjonali, jingħad li l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni;

Illi ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu jirreferi għall-**interess** pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-**skop** pubbliku, u huwa dan il-kriterju tal-interess li huwa l-qofol u jħoll u jorbot jekk għamil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[15]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għamil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the*

[14] Art 22A(2) tal-Kap 101
[15] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banja tal-lottu)

*protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[16];

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilita' konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni[17]. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[18];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta' l-artikolu 1, "*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2.* De facto *takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title*."[19] Minbarra dan, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem jibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita', imma l-għadd ta' kontrolli dwar l-użu li jistgħu jinħolqu jinfirex f'bosta oqsma. Waħda minn dawn huwa s-sekwestru ta' ġid għall-finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji ċivili[20] jew kriminali[21];

Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'ordni ta' sekwestru maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta'

---

[16] ECHR **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Sweden*** (Applik.Nru. 7151/75), par. 69

[17] Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

[18] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***

[19] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights , paġġ. 527-8

[20] ECommHR **1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G, S & M vs Austria*** (Applik. Nru. 9614/81)

[21] ECHR **24.10.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Allgemeine Gold-und Silberscheideanstalt vs U.K.*** (Applik. Nru. 9118/80) , par. 49-51

miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta’ xi attivita’ kriminali ma jisfaxxax fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-interess tas-soċjeta’ in ġenerali. Għalhekk, ordni bħal dan jissarraf f’miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-ordni. Ordni bħal dak jista’ jixxiebah ma’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta’ proċediment ċivili;

Illi, f’dan ir-rigward huwa xieraq li jissemma li l-artikolu 22A innifsu fih dispożizzjoni mandatarja li ssalva mill-effetti ta’ ordni ta’ sekwestru dak il-ġid meħtieġ mill-persuna akkużata u l-familja tiegħu. Il-liġi torbot lill-Qorti li tagħmel ordni bħal dak li tistabilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu u jibqgħu jintużaw mill-persuna akkużata għall-ħtiġijiet tagħha u tal-familja tagħha, magħduda magħhom flejjes maqlugħa b’salarju jew paga jew benefiċċju soċjali, sal-ammont ta’ sitt elef lira fuq medda ta’ sena kalendarja. Dan minbarra li, hija mħollija lill-Qorti s-setgħa wkoll li tħalli li mill-ġid tal-persuna akkużata jitħallsu djun maħluqa qabel id-data ta’ ordni bħal dak li jkunu dovuti lil kredituri *bona fide*, jew li jsir trasferiment ta’ ġid “għal raġuni tajba”. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li t-tgawdija tal-possedimenti mill-persuna mixlija b’reat taħt l-Ordinanza lanqas biss tista’ titneħħa b’ordni ta’ sekwestru bħal dak fuq ammont mhux ċkejken ta’ ġid, u għalhekk, dwar dak il-ġid, lanqas l-interpretazzjoni l-aktar wiesgħa tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma tista’ tiġi b’xi mod milħuqa;

Illi jirriżulta li, fil-każ preżenti, l-ordni ta’ sekwestru magħmul fis-26 ta’ Ġunju, 2004, fil-konfront tal-imputat kien jeħles xi ġid tiegħu mill-effetti tal-istess ordni. Għalkemm l-eżenzjoni m’hijiex elaboratament speċifikata, bniedem ta’ dehen ordinarju malajr jifhem li fiha parametri wesgħin biżżejjed biex jagħtu applikazzjoni għas-salvagwardji li trid il-liġi;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-artikolu 22A u kull ordni maħruġ kif imiss minn Qorti bis-saħħa tiegħu ma jiksirx id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar ir-Riferenza magħmula lilha billi:

**Tiddikjara** li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta la jiksru xi dispożizzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar tgawdija ta' proprjeta' u lanqas id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

**Tiddikjara wkoll** li t-tqanqil tal-kwestjoni kostituzzjonali min-naħa tal-imputat kienet fiergħa u vessatorja; u

**Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja sabiex tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------